# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu 2001.**

**Numru 6**

**Citaz. numru 1587/92 GMA**

**Carmelo Farrugia u l-Avukat Dottor Malcolm Pace bhala diretturi u ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta' Pabros Limited u l-Avukat Dottor Malcolm Pace f'ismu proprju**

**vs**

**Emanuel A. Bonello u l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fit-23 ta' Gunju 1994, l-allura Qorti tal-Kummerc ippronunzjat is-segwenti sentenza.

"Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-23 ta' Novembru 1992, li bih l-atturi, fil-kwalita' taghhom hawn fuq imsemmija – premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-atturi Carmelo Farrugia u l-Avukat Dottor Malcolm Pace huma diretturi tas-socjeta' attrici;

Premess illi l-Avukat Dottor Malcolm Pace huwa azzjonista fis-socjeta' attrici;

Premess illi fil-11 ta' Settembru 1974, l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u Dwana ddikjara illi hu kien innomina lil Dottor Carmelo Mifsud Bonnici bhala kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited, u illi l-imsemmi bank kellu interess f'Pabros Limited, u ghalhekk l-istess Ministru kien qieghed jordna illi Dottor Carmelo Mifsud Bonnici jkollu s-setghat, il-funzjonijiet u dmirijiet kollha tal-kumpanija Pabros Limited, bl-eskluzjoni ta' kull persuna ohra, u ddikjara in oltre illi Dottor Carmelo Mifsud Bonnici ghandu jirrealizza l-attiv ta' l-istess kumpanija u ghandu jzomm il-fondi hekk realizzati b'mod hekk profitabbli kif ikun xieraq fic-cirkostanzi bil-ghan ghall-hlas jew tqassim aktar 'il quddiem ta' dawk il-fondi skond il-ligi;

Premess illi permezz ta' Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 654 mahruga fil-5 ta' Novembru 1985 (Gazzetta tal-Gvern Numru 14497) il-pubbliku gie avzat illi that il-Banking Act 1970 l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u Dwana nomina lil Emanuel A. Bonello biex jassumi minflok Dottor Carmelo Mifsud Bonnici s-setghat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-kumpanija Pabros Limited, bl-eskluzjoni ta' kull persuna ohra;

Premess illi l-Bank of Industry Commerce & Agriculture ma ghandu ebda interess dirett jew indirett, f'Pabros Limited, kif jigi ampjament dimostrat fit-trattazzjoni tal-kawza; u

Premess li ghal din ir-raguni n-nomina tal-konvenut taht l-Artikolu 18 tal-Banking Act 1970 hija kontra l-ligi;

Tablu lil din il-Qorti :

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited m'ghandu l-ebda interess, la dirett u lanqas indirett, fil-kumpanija Pabros Limited; u

2. tiddikjara u tiddeciedi per konsegwenza illi l-ordni fuq imsemmija moghtija mill-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u Dwana fil-5 ta' Novembru 1985, lill-konvenut in konnessjoni ma' Pabros Limited hi nulla u minghajr ebda effett.

B'rizerva ta' kull azzjoni ohra kontra l-konvenuti u senjatament dik ghad-danni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel A. Bonello pprezentata fis-16 ta' Dicembru 1992, li biha eccepixxa :

1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici hija identika ghal dak li gie deciz fil-kawza numru 580/88/AM li giet deciza fis-26 ta' Ottubru 1992, mil-liema sentenza ma sar ebda appell, u ghaldaqstant il-mertu gia' gie deciz u huma ezawrit. Ghal dawn il-motivi t-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Onorevoli Ministru tal-Finanzi pprezentatat fit-23 ta' Dicembru 1992, li biha eccepixxa :

1. Preliminarjament illi c-citazzjoni hija nulla ghax mhix preceduta b'ittra ufficjali kif rikjest bl-artikolu 460 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

2. Preliminarjament illi n-notifikazzjoni tal-Gvern numru 654 mahruga fil-5 ta' Novembru 1985 (Gazzetta tal-Gvern numru 14497) kienet intenzjonata ghall-informazzjoni ta' kulhadd semplicement fis-sens illi Dott. Carmelo Mifsud Bonnici B.A. LL.D. li kien gie nominat mill-Ministru tal-Finanzi u Dwana biex jassumi kontroll tan-negozju tal-kumpaniji li jidhru hemm taht talab biex ma jkomplix b'dik in-nomina, u dana ai termini tad-disposizzjoni tal-proviso ghall-Artikolu 18(3) (b) li, fost affarijiet ohra, jipprovdi illi fejn il-Ministru huwa tal-fehma li kollha jew uhud mis-setghat, funzjonijiet u doveri fuq imsemmija ghandhom jigu fdati f'persuna ohra, jista' jordna u, f'tali eventwalita', b'effett minn dik id-data jew dati li l-Ministru jista' jindika u sakemm il-Ministru ma jordnax xort'ohra, illi s-setghat, funzjonijiet u doveri ghal liema d-direttiva tal-Ministru hija ntenzjonata, ikunu ezercitabbli minn u vestiti f'tali persuna ohra li tigi nominata ghal dan l-iskop b'eskluzjoni tal-persuni l-ohra kollha;

3. Illi minn imkien ma jirrizulta li qatt xi darba giet allegata, wisq anqas kontestata, in-nuqqas ta' validita' tan-notifikazzjoni tal-Gvern, li taghha n-notifikazzjoni tal-Gvern riferita fic-citazzjoni odjerna hija l-aventi kawza, u li biha kienet originarjament sehhet in-nomina ta' Dottor Carmelo Mifsud Bonnici;

4. Illi, fi kwalunkwe kaz, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Banking Act, 1970, jaghmluha bhala rikjesta fondamentali l-indikazzjoni ta' dak il-kumpanji, socjetajiet' ditti jew kummerc iejor li l-persuna li l-Ministru joghgbu jinnomina ghandu fuqhom is-setghat, funzjonijiet u dmirijiet, liema indikazzjoni saret fil-kaz odjern, u minn imkien ma jirrizulta xi obbligu legali, taht piena ta' nullita', li jigi ndikat il-Bank li ghandu nteress f'xi socjeta' kummercjali partikolari;

5. Illi, kuntrarjament ghal dak allegat mill-atturi nomine, huwa ovvju li l-poteri relattivi li gew moghtija lis-Sur Emanuel Bonello C.P.A.A. ma gewx moghtija lilu f'xi kwalita' divers minn dak tieghu personali jew professjonali, kif rifless fil-fatt illi l-istess atturi nomine harrku lis-Sur Emanuel Bonello f'dina l-istess kwalita';

6. Illi, fl-ahharnett u dejjem in via preliminari in-notifikazzjoni tal-Gvern imsemmija fic-citazzjoni mhix rikjesta bhala formalita' ghall-validita' tan-nomina ta' Emanuel Bonello bhala sostitwit ta' Dottor Carmelo Mifsud Bonnici;

7. Illi, ghalhekk, id-domandi attrici ghandhom jigu michudin bl-ispejjez.

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza taghha moghtija fl-24 ta' Marzu 1994, fil-konfront tal-konvenut Emanuel A. Bonello;

Rat l-eccezzjoni ulterjuri pprezentata mill-konvenut l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi fil-5 ta' Mejju 1994;

Ikkunsidrat :

Illi din l-eccezzjoni hija precizament bhal dik moghtija mill-konvenut Emanuel Bonello, liema eccezzjoni din il-Qorti ddecidiet bid-decizjoni taghha tal-24 ta' Marzu 1994. L-istess motivi li japplikaw ghalhekk f'dik id-decizjoni japplikaw ukoll f'din l-eccezzjoni fil-konfront tal-konvenut eccipjent.
Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut Onorevoli Ministru tal-Finanzi u tichad it-talba ta' l-atturi fil-konfront tieghu.

Spejjez ta' din id-decizjoni ghall-atturi."

**<u>L-AGGRAVJU</u>**

L-atturi proprio et nomine hassew ruhhom aggravati b'din is-sentenza u b'nota prezentata fl-1 ta' Lulju 1994, interponew appell minnha quddiem din il-Qorti. Fir-rikors tal-appell taghhom huma ddikjaraw li ma setghux jaqblu mas-sentenza "la tal-24 ta' Marzu 1994 u lanqas mas-sentenza tat-23 ta' Gunju 1994."

Jigi mill-ewwel rilevat illi wara li nghatat is-sentenza tal-24 ta' Marzu 1994, l-istess atturi proprio et nomine prezentaw nota lill-allura Qorti tal-Kummerc li biha ddikjaraw ruhhom aggravati minn dik is-sentenza u li huma kienu bi hsiebhom jinterponu appell quddiem din il-Qorti. Dan l-appell fil-fatt qatt ma gie ntavolat u konsegwentement is-sentenza tal-24 ta' Marzu 1994, ghaddiet definittivament in gudikat.

Fil-korp tal-aggravju taghhom fir-rikors tal-appell intavolat wara l-ghoti tas-sentenza tat-23 ta' Gunju 1994, l-atturi proprio et nomine jibqghu jinsistu ili kemm din is-sentenza kif ukoll dik tal-24 ta' Marzu 1994, ma kienu jaqblu xejn mas-sentenza tas-26 ta' Ottubru 1992 (Citaz. Numru. 580/88/AM) li fiha l-Qorti kienet ikkonkludiet illi l-atturi personalment seta' wkoll ikollhom interess bhala azzjonisti tas-socjeta' attrici li jistitwixxu azzjoni.

F'din is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 1992, il-Qorti tal-Kummerc kienet hekk kompliet tiddelibera. "Pero' minn ezami tac-citazzjoni u tad-

dikjarazzjoni li takkumpanjaha ma jirrizultax li l-atturi personalment qed jagixxu fil-kwalita' taghhom ta' azzjonisti tas-socjeta' attrici u ghalhekk m'hemm l-ebda interess gjuridiku bejn l-atturi personalment u t-talbiet dedotti fic-citazzjoni u ghalhekk huma ma jistghux jippromwovu din il-kawza.  Fil-fehma tal-Qorti jfisser li kif giet formulata c-citazzjoni ma jirrizutax l-interess gjuridiku taghhom biex jistitwixxu din l-istanza."

L-appellanti proprio et nomine f'din il-kawza jissottomettu illi dik id-decizjoni moghtija bis-sentenza tas-26 ta' Ottubru 1992 "bl-ebda mod ma tipprekludi lill-azzjonisti milli jippromwovu kawza gdida ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza li fil-fatt qatt ma gie deciz u kwindi m'hemmx res gudicata."  L-ostakolu procedurali ghar-rikors ta' appell <u>f'din il-kawza</u> pero' mhuwiex relatat mas-sentenza tas-26 ta' Ottubru 1992 imma mas-sentenza tal-24 ta' Marzu 1994.  Dan in kwantu l-aggravju avvanzat f'dan ir-rikors tal-appell jattakka l-mertu ta' eccezzjoni identika diga' deciza mill-ewwel Qorti, moghtija minn Emanuel A. Bonello, l-konvenut Kontrollur ukoll citat f'din il-kawza, liema sentenza thalliet tghaddi in gudikat mill-atturi.

Dik is-sentenza taghmel stat ta' dritt bejn il-kontendenti f'din l-azzjoni u hu manifest illi dak li gie deciz fil-konfront tal-konvenut Bonello nomine b'sentenza li ghaddiet ingudikat ma setghax ma jkunx ukoll estiz ghall-konvenut l-iehor li kien fl-istess identika sitwazzjoni bhalu.  Dana tenut ukoll kont illi mhux biss il-punt tad-dritt hu identiku imma wkoll li ma

jirrizult li kien hemm l-ebda cirkostanza ta' fatt partikolari ghall-eccezzjoni sollevata mill-Onorevoli Ministru tal-Finanzi li ma kienitx precizament l-istess bhal eccezzjoni sollevata mill-konvenut Bonello gja' definittivament deciza bis-sentenza tal-24 ta' Marzu 1994.

Ikun allura ghal kollox anti-guridiku illi din il-Qorti tikkonsidra talba ghar-revoka ta' gudikat fuq mertu li jkun diga' gie finalment deciz fl-istess kawza. Infatti fir-rikors tal-appell taghhom f'din il-kawza, l-appellanti proprio et nomine filwaqt illi jinsistu li gew aggravati biz-zewg sentenzi, kemm b'dik tat-23 ta' Gunju 1994 kif ukoll dik tal-24 ta' Marzu 1994, kif inghad anke fil-korp tar-rikors tal-appell taghhom, ma setghux hlief jitolbu r-revoka tas-sentenza tat-23 ta' Gunju 1994, li minnha ntavolaw appell. Hu manifest illi kieku din il-Qorti kellha ghall-grazzja tal-argument tilqa' din it-talba dan kien ikun dijametrikament oppost ghall-gudikat stabbilit fis-sentenza tal-24 ta' Marzu 1994. L-appell ma setax ghalhekk jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti proprio et nomine.

Dep/Reg

mg